

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-66/07) (¹)

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/27/KE — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst*)

(2007/C 297/30)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Stromsky u D. Lawunmi, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda (rappreżentant: D. O'Hagan, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jieħu, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċesarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligu li hija għandha skond din id-Direttiva.

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlativi, regolamentari u amministrativi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligu li hija għandha skond din id-Direttiva.
- 2) L-Irlanda għandha tħalli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 69, 24.3.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Lulju 2007 — Yedaś Tarim ve Otomotiv Sanayi ve Ticaret AŞ vs Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-255/06 P) (¹)

(*Appell — Ftehim Internazzjonali — Ftehim KEE/Turkija — Unjoni doganali bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija — Għaj-nuna finanzjarja intiża sabiex tikkumpensa*)

(2007/C 297/31)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Yedaś Tarim ve Otomotiv Sanayi ve Ticaret AŞ [rappreżentant: R. Sinner, avukat]

Partijiet oħra fil-kawża: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentant: M. Bishop u D. Canga Fano, aġenti, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: X. Lewis u J. Hottiaux, aġenti)]

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Marzu 2006, Yedaś Tarim ve Otomotiv Sanayi ve Ticaret AS vs Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (T-367/03), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala infondat rikors għal danni intiż sabiex jinkiseb kumpens tad-dannu allegatament subit mir-riktorrenti b'rīzultat tan-nuqqas min-naħa ta' l-istituzzjonijiet konvenuti li jirrispettaw l-obbligi previsti fid-dispożizzjonijiet dwar l-unjoni doganali bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija u partikolarmen l-obbligu li titħallas ghajjnuna finanzjarja intiża sabiex tikkumpensa għall-effetti negattivi ta' l-unjoni doganali fuq l-ekonomija Torka

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Yedaś Tarim ve Otomotiv Sanayi ve Ticaret AŞ hija kkundannata tħalli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 212, 2.9.2006.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-10 ta' Lulju 2007 — AEPI Elliniki Etaireia pros Prostasian tis Pnevmatikis Idioktisias AE vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-461/06 P) (¹)

(*Appell — Rikors għal annullament — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Inammissibbiltà*)

(2007/C 297/32)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: AEPI Elliniki Etaireia pros Prostasian tis Pnevmatikis Idioktisias AE [rappreżentanti: T. Asprogerakas-Grivas, Δικηγόρος]

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: T. Christoforou u F. Castillo de la Torre, aġenti]